SAN LAWRENZ

Il-minuti tas-sitta u erbghin laqgha tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nzammet nhar il-Hamis 31 ta' Lulju 2014 fl-Ufficju tal-Kunsill fit-8:30 ta' filghodu.

**Prezenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku: | Anthony Cassar |
| Vici Sindku: | Michelina Mercieca |
| Kunsilliera: | John Mercieca |
| | Luigia Grima |
| | Rose Vella |

Segretarju Ezekuttiv: Lucienne Haber

Skuzata: Ambaxxattrici: Renee' Formosa

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba.

2.0 Inqraw il-minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Hatra ta' Sindku**

3.1 Fl-eventwalita' tar-rizenja tas-Sindku Anthony Formosa bhala Sindku u kunsillier, inqalghet il-vakanza ta' Sindku u kunsillier/a fi hdan il-Kunsill Lokali San Lawrenz. F'dawn ic-cirkustanzi saret elezzjoni kazwali fid-29 ta' Lulju 2014 u giet eletta l-kunsilliera Luigia Grima li kienet prezenti ghal-laqgha wara li hadet il-gurament tal-hatra.

3.2 Il-Kunsill taha merhba lura fil-Kunsill Lokali San Lawrenz u weghda kull appogg. Minn naha taghha hija weghdet l-istess.

3.3 F'dan l-istadju, s-Sindku ghandu jkun propost dak l-aktar li gab voti wara s-Sindku, li huwa l-Vici Sindku Anthony Cassar. Huwa talab jekk hemmx fiducja assoluta dwar il-fatt li issa jkun hu li jokkupa l-kariga ta' Sindku, u kien hem qbil unanimu dwar dan.

3.4 Is-Sindku hawnhekk esprima l-apprezzament tieghu dwar din il-hatra u huwa weighed kull koperazzjoni, impenn favur ir-rahal u dwar l-importanza li nahdmu lkoll id f'id.

**4.0 Hatra ta' Vici Sindku**

4.1 Il-kunsilliera Michelina Mercieca issa hija l-kunsilliera li l-aktar li kisbet voti wara s-Sindku Anthony Cassar u ghalhekk hija tinhatar Vici-Sindku.

**5.0 Vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv**

5.1 Is-Segretarja Lucienne Haber fissret li hasset il-htiega li titlob trasferiment minn fuq il-post tax-xoghol taghha fuq ragunijiet personali. Hija prezentat l-ittra lil Kunsill fejn infurmathom b'dan u rringrazzjat lil Kunsill u lil-lokalita' ta' San Lawrenz tal-esperjenza sabiha ta' ghoxrin sena servizz li tat lil komunita' ta' San Lawrenz. Hija weghdet kull koperazzjoni f'dik li hija handover lil min jigi warajha ghax tixtieq li tara li x-xoghol li wettqet s'issa jibqa miexi 'l quddiem.

5.2 Hija semmiet li diga nfurmat lid-Dipartiment b'dan u talabha sabiex immedjatament tibda l-process. F'dan l-istadju l-Kunsill jinhtieg imminenti li johrog sejha ghall-pubbliku fuq il-gazzetta tal-gvern u fuq il-website tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

5.3 Il-Kunsill esprima l-apprezzament tieghu lejn il-hidma li dejjem wettqet is-Segretarja Lucienne Haber u rringrazzjaha ta' dan. Huma wkoll stednuha li jekk trid terga tikkonsidra d-decizzjoni taghha izda wara kollox ir-rieda taghha ma tistax tigi michuda. Is-segretarja rringrazzjat lil Kunsill tal-fiducja pero' l-pjan taghha huwa li tibdel il-post tax-xoghol. F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi.

**6.0 Korrispondenza**

6.1 Giet trattata l-email minghand is-Sur Mario Mizzi ta' Triq it-Torri, fejn ilmenta dwar l-istand tal-iskart li hemm imwahhla ma genb ir-residenza tieghu u qed tkun kagun ta hafna skart imxerred u hmieg. Giet diskussa jekk din l-istand hix mehtiega jew hux ahjar minghajra jew inkella hemmx soluzzjoni ohra. Sar qbil li s-Sindku ghandu jaghmel spezzjoni fuq il-post u niddeciedu fil-laqgha li jmiss jekk innehhuhiex jew le.

6.2 Giet trattata l-emejl minghand Noel Formosa f'isem il-Parrocca San Lawrenz fejn talab lil Kunsill sabiex jidentifika post fejn ghandha tieqaf il-Hop-on-Hop off f'San Lawrenz peress li din l-Stop hija marbuta mal-progett tal-Knisja u tal-Pjazza. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u qabel li ghandu jitlob laqgha ma Transport Malta f'dan ir-rigward.

6.3 Giet trattata t-talba minghand John Mifsud ta' Triq Nicholas Monsarrat ghal kontribuzzjoni annwali ta €250 peress li hemm is-CCTV tal-bring-in-sites installata mad-dar tieghu u qeghda kkommunikata mas-sistema tal-elettriku tieghu. Il-Kunsill qabel li f'dan ir-rigward ghandu jistharreg biex jara jekk il-camera tistax tithaddem b'pannella solari u f'dan il-kaz titwahhal ma' arblu u b'hekk ma jkollna x'naqsmu ma' hadd.

6.4 Gew trattati l-korrispondenza minghand il-Perit Saviour Micallef f'isem il-klienti tieghu Ignatius Farrugia u Jane Portelli bhala hawkers fil-Pjazza tad-Dwejra fejn qed japplika f'isimhom biex ikollhom permess ta' parking riservat ghalihom bejn is-7:00am u l-11:00pm. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat lura lil Perit u jinfurmah li ma hijiex kompetenza tal-Kunsill li jaghti permessi ta' dan it-tip. It-talba ghandha tintbghat lill-Awtoritajiet kompetenti u mhux lil Kunsill.

**7.0 Festa San Lawrenz 2014**

7.1 Is-Sindku rrefera ghall-hawkers tal-festa u li din is-sena ser jerghu jarmaw fi Triq San Lawrenz u ghal fatt li jidhru li huma kuntenti u qeghdin f'post tajjeb.

7.2 Sar qbil li ghandna bhas-snin ta' qabel ingibu mobile toilets.

7.3 Sar qbil li bhas-soltu t-tindif tal-jiem tal-festa jsir mis-St. Laurence Spurs u li ghandhom isirulhom xi kundizzjonijiet u struzzjonijiet biex jimxu maghhom.

7.4 Sar qbil li ghandna nohorgu avviz fuq il-facebook tal-Kunsill sabiex dawk li gradwaw matul is-sena skolastika li ghaddiet jghaddulna l-informazzjoni taghhom biex is-Sindku jipprezentalhom rikonoxximent fis-serata tal-Hamis tal-Festa.

7.5 Sar qbil ukoll li bhala xalata tal-festa ghandha tigi organizzata attivita' ghall-anzjani. Sar qbil li ghanda tkun bla hlas u tikkonsisti f'ikel, tombla u ntellghu xi rigali.

**8.0 Materji ohra**

8.1 Is-Sindku Anthony Cassar irrefera ghal-htiega ta' mmarkar ta' Swimming Zone fil-Port tad-Dwejra. Huwa semma' li jaqbel li din tigi mmarkata fis-sajf li jmiss u li l-ispejjes jigu assorbiti mill-Awtoritajiet kompetenti. Saret referenza ghal-laqgha li saret mal-MTA. Transport Malta, Ministeru ghal Ghawdex u Kunsill San Lawrenz fejn talbuna l-approvazzjoni taghna dwar din il-proposta. Il-Kunsill qabel li ghandu jinfurmahom b'dan.

8.2 Is-Sindku Anthony Cassar irrefera ghal Youth Exchange li saret f'Cipru u staqsa lis-Segretarja dwar x'kien il-feedback dwarha. Is-Segretarja semmiet li l-partecipanti hadu gost hafna izda lmentaw li ma kinitx organizzata bhal Youth Exchanges ohra tal-passat. Is-Sindku semma' li l-Kunsill ghandu jkompli jahdem fuq dawn il-Youth Exchanges ghax huma utli hafna ghaz-zghazagh taghna.

8.3 Is-Sindku Anthony Cassar irrefera ghall-migja tad-demm ta' San Lawrenz fostna u fisser din l-attivita' bhala success kbir. Huwa fahhar hafna l-hidma tal-Kumitat tal-Gemmellagg ghal din l-attivita' u weighed kull appogg tal-Kunsill. Huwa rrefera ghall-iffirmar tal-Protocollo d'Intesa bejn il-komunita' ta' San Lawrenz u dik ta' Amaseno u semma' li huwa mportanti li flimkien nibdu rapport tajjeb u nibdew hidma f'dawk li huma Youth Exchanges, Gemmellagg, negozju, religjon ecc biex inkunu nistghu eventwalment niffirmaw il-Gemellagg u ngawdu mis-success tieghu.

8.4 Is-Sindku Anthony Cassar talab sabiex isir patching lil hofra li tinsab fi Triq Nicholas Monsarrat.

8.5 Il-Kunsilliera Rose Vella talbet sabiex jinqata' l-haxix fl-inhawi maghrufa tar-Rubba.

8.6 Is-Sindku semma' li ghandna nitolbu lis-Sur Mario Borg tal-Ministeru ghal Ghawdex ghal zewg haddiema tal-ETC. Is-Segretarja semmiet li din it-talba diga saret pero nistghu nergghu nirrepetuha.

8.7 Il-kunsillier John Mercieca staqsa jekk il-Perit giex ikkuntatjat rigward it-Tender tat-tieni kisja ta' Triq il-Wileg. Is-Segretarja semmiet li ghadu le u li din il-materja ghandha tigi diskussa f'aktar dettal fil-laqgha li jmiss.

| | |
|---|---|
| **Anthony Cassar** | **Lucienne Haber** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |